MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru. 300/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Hersey)
vs
Prince Kwadwo Mensah, iben Kwadwo, imwieled il-Ghana fis-6 ta' Settembru, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-25 ta' Marzu, 2009, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-Liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonġuraw f'dak is-sens ma xi persuni oħra;
2. talli fl-istess ċirkostanżi ffalisifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport, karta ta' l-identita' jew permess ta'

soġġorn, jew uża jew kellu għandu passaport, karta ta' l-identita' jew permess ta' soġġorn li huwa jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar tibdil fihom li jġibu n-numri AR 2006750 u 0441727A;
3. talli fl-istess ċirkostanżi, għamel falsifikazzjoni ta' xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew reġistrazzjoni magħmula skond dan l-Att.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu, 2009 fejn il-prosekuzzjoni rtirat it-tielet akkuża miġjuba kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputat ammetta l-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda t-tielet akkuża miġjuba kontra l-imputat. Issibu ħati, tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 337A tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża, il-fedina penali netta u il-fatt li ikkolabora mal-pulizija. Għalhekk tikkundannah għal piena ta' seba' (7) xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------